**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVI**
**Appell Nru: 255/2000**

**Il-Pulizija (Spettur A. P. Miruzzi)**

**Vs**

**LELI BONANNO**

**Illum, 6 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Leli Bonanno gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali w akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta'Settembru, 2000, ghal habta tas-7.45 a.m., waqt li kien ghal kacca, kellu arma tan-nar Benelli, numru 079323, ikkargata bi tlett skratacc, barra mill-ghata taghha waqt li kien bil-mixi fi triq sekondarja fil-limiti taz-Zurrieq, u dan bi ksur ta' l-Avviz Legali 146/93.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fis-6 ta'Novembru, 2000, li biha ma sabetx lill-Leli Bonanno hati ta' din l-akkuza w lliberatu minnha.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 23 ta'Novembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u, minflok, issib htija fl-appellat Leli Bonanno w tinfliggi fuqu l-piena skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi skond l-appellant Avukat Generali l-ewwel Qorti kienet interpretat b'mod skorrett dak li jiddisponi l-Artikolu 9 (4) ta' l-Avviz Legali 146/93, taht liema disposizzjoni Leli Bonanno kien gie akkuzat.

Illi din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tvarja l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti w d-decizjoni li kienet ragjonevolment u legalment waslet ghaliha. L-imsemmi Artikolu 9 (4) ta' l-Avviz Legali 143/93 bla ebda mod ma jirrestringi lil xi hadd milli jkollu fuqu jew igorr arma tan-nar licenzjata,

li ma tkunx fl-ghata taghha, meta dan ikun qieghed bil-mixi fi triq sekondarja li tkun l-aktar mahsuba biex jintlahqu l-ghelieqi. Il-limitazzjonijiet li jiddisponi dan l-Artikolu jirreferu ghal certu distanzi minn toroq mnejn jghaddu vetturi bil-mutur, jigifieri toroq principali, jew meta dan il-garr ikun f'xi belt jew rahal. Fil-kaz in ezami ma tressqet ebda prova mill-prosekuzzjoni li t-triq sekondarja fejn kien instab l-appellat ma kienetx triq mahsuba biex jintlahqu l-ghelieqi, u, fin-nuqqas ta'tali prova, tali dubju ghandu jmur favur l-appellat.

Ghal dawn il-motivi, l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali mhux akkolt, l-appell tieghu huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur